DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 105/2011

tat-30 ta' Settembru 2011

li temenda l-Anness XXI (Statistika) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XXI tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 89/2011 tal-1 ta' Lulju 2011 ([1]).

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 471/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar statistika Komunitarja relatata mal-kummerċ estern ma' pajjiżi li mhumiex membri u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1172/95 ([2]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(3) Ir-Regolament (KE) Nru 471/2009 jħassar, b'effett mill-1 ta' Jannar 2010, lir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1172/95 ([3]), li huwa inkorporat fil-Ftehim, iżda għandu jibqa' japplika għall-Istati tal-EFTA u konsegwentament jitħassar skont il-Ftehim b'effett mill-1 ta' Jannar 2012,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness XXI tal-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

1. Il-punt 8 (ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1172/95) għandu jiġi nnumerat mill-ġdid bħala l-punt 8a.

2. Il-punt li ġej għandu jiddaħħal qabel il-punt ġdid 8a (ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1172/95):

"8. **32009 R 0471**: Ir-Regolament (KE) Nru 471/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar statistika Komunitarja relatata mal-kummerċ estern ma' pajjiżi li mhumiex membri u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1172/95 (ĠU L 152, 16.6.2009, p. 23).

Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

(a) L-Istati tal-EFTA għandhom jaddottaw il-miżuri neċessarji biex jikkonformaw ma' dan ir-Regolament sal-1 ta' Jannar 2012.

(b) Fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, ir-referenzi kollha għal sistema ċentralizzata tal-ikklerjar u d-dispożizzjonijiet relatati ma għandhomx ikunu relevanti.

(c) Għal-Liechtenstein, it-test tal-Artikolu 2(a) għandu jinqara kif ġej:

' "merkanzija" tfisser kull proprjetà mobbli, għajr l-elettriku;'

(d) It-test tal-Artikolu 2(b) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

'It-territorju statistiku taż-ŻEE għandu, fil-prinċipju, jinkludi t-territorji doganali tal-Partijiet Kontraenti. Il-Partijiet Kontraenti għandhom jiddefinixxu t-territorji statistiċi tagħhom kif xieraq.

Għan-Norveġja, l-Arċipelagu Svalbard u l-Gżira Jan Mayen għandhom ikunu inklużi fit-territorju statistiku.

Il-Liechtenstein għandu jkun eżentat mill-ġbir ta' dejta fuq kummerċ bejn l-Isvizzera u l-Liechtenstein. Il-Liechtenstein għandu jiġbor biss dik id-dejta dwar importazzjonijiet u esportazzjonijiet diretti għajr imħażen u mħażen ta' bejgħ mingħajr dazju.

Għall-Islanda, it-territorju statistiku għandu jinkludi t-territorju doganali.'

(e) Il-Liechtenstein huwa eżenti milli jiġbor id-dejta msemmija fl-Artikolu 5(1)(e).

(f) Il-punti (f) u (k) tal-Artikolu 5(1) m'għandhomx japplikaw għall-Istati tal-EFTA.

(g) Il-klassifikazzjoni msemmija fl-Artikolu 5(1)(h) għandha ssir mill-inqas sal-ewwel sitt ċifri.

(h) L-Artikolu 5(1)(l) m'għandux japplika għal-Liechtenstein.

(i) L-Artikolu 5(1)(m)(ii) m'għandux japplika għall-Istati tal-EFTA.

(j) L-Artikolu 5(1)(m)(iii) m'għandux japplika għal-Liechtenstein.

([1]) ĠU L 262, 6.10.2011, p. 61.
([2]) ĠU L 152, 16.6.2009, p. 23.
([3]) ĠU L 118, 25.5.1995, p. 10.

(k) L-Artikolu 6 m'għandux japplika għal dik id-dejta statistika li l-Istati tal-EFTA huma eżentati milli jiġbruha skont l-Artikolu 5.

(l) l-Artikolu 7 m'għandux japplika għall-Istati tal-EFTA.

(m) l-Artikolu 9(2) m'għandux japplika għal-Liechtenstein.

(n) Fir-rigward tal-Liechtenstein, ir-riżultati statistiċi koperti mill-Artikolu 10 li jagħmluha possibbli illi jiġu identifikati b'mod indirett esportaturi u importaturi, ma għandhomx jiġu ddisseminati, anke jekk ma ssirx talba mill-importatur jew mill-esportatur dwar dan, u għandha tiġi ddisseminata biss informazzjoni dwar is-Sistema Armonizzata ta' livell ta' żewġ ċifri."

3. It-test tal-punt il-ġdid 8a (ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1172/95) għandu jitħassar b'effett mill-1 ta' Jannar 2012.

Artikolu 2

It-testi tar-Regolament (KE) Nru 471/2009 li għandhom jiġu ppubblikati fil-lingwa Islandiża u f'dik Norveġiża fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Ottubru 2011, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha, skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim, lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, u fis-Suppliment taż-ŻEE tiegħu.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Settembru 2011.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Kurt JÄGER

(*) L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali ma huma indikati.